MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 98/2007

**Louis u Emanuela sive Lily De Bon**

**vs**

**Stefania Micallef u Mario Cachia f'ismu proprja kif ukoll ghan-nom ta'**
**Plumelec Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Il-kawza thalliet ghal lum ghad-decizzjoni fuq it-talba tas-socjeta' intimata Plumelec Ltd biex tiggustifika l-kontumacja taghha.

Illi f'dina l-kawza l-konvenuta Stephania Micallef giet notifikata u pprezentat ir-risposta taghha a fol. 16;

Illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2008 kien deher Mario Cachia li tah ruhu b'notifikat. Ghan nom tal-kumpanija hu ddikjara li dina ma kienitx giet notifikata korrettement fl-indirizz 3, Triq il-Qaliet Marsascala, u ghalhekk talab li s-socjeta' konvenuta tiggustifika l-kontumacja taghha u tipprezenta r-risposta taghha.

Mario Cachia proprio pprezenta r-risposta tieghu a fol. 36;

**Provi**

Mario Cachia xehed li hu qatt ma rceva l-atti tal-kawza. Plumelec Ltd ghandha l-indirizz registrat f'No 3, Triq il-Qaliet, Marsascala u hemm joqghod huh Frank Cachia. Hu kellu kamra fid-dar ta' Frank Cachia biex juzaha bhala ufficcju u l-posta kienet tmur hemm u kien imur ghaliha. L-indirizz residenzjali tieghu huwa 67, Triq Ninu Cremona, Paola. Il-kumpanija giet notifikata f'idejn Frank Cachia pero' hu ma giex infurmat. (ara fol. 20 a tergo).

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-procedura ta' notifika ta' atti gudizzjarji ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta hija mfissra fl-artikolu 187(4) tal-Kodici tal-Procedura civili. F'dak il-każ, biex notifika titqies li saret sewwa, jinħtieg jintwera li jew (a) tħalliet kopja ta' l-att fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju ewlieni, jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali, f'idejn persuna li jkollha r-rappreżentanza guridika ta' dak il-korp, jew segretarju tal-kumpannija, jew persuna oħra awtoriżżata bil-miktub; jew (b) f'idejn xi ħadd mill-imsemmija persuni, imma billi titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' persuna bħal dik jew ta' prokuratur tagħha, jew f'idejn persuna awtoriżżata minn persuna bħal dik biex tircievi l-posta tagħha, fil-post fejn dik il-persuna tkun toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha.

Ladarba l-ligi trid li n-notifika ta’ persuna li għandha r-rappreżentanza ta’ kumpanija kif imsemmi fl-artikolu 181A(2) tal-Kodici tista’ ssir ukoll fid-dar fejn toqgħod tali persuna, u li f’każ bħal dak, in-notifika tista’ ssir lil kull membru tal-familja jew tad-dar jew f’idejn wieħed fis-servizz ta’ dik il-persuna, allura f’dak il-każ, il-kwistjoni tal-awtoriżżazzjoni ma tidħolx. (Ara sentenza Xanthippe Shipping Limited vs Kontrollur tad-Dwana App 1477/2001 30/11/2007).

Fi kliem ieħor, ladarba f’dan il-kaz in-notifika saret fl-indirizz registrat tal-kumpanija u l-fatt li l-att gudizzjarju ntlaqa’ minn persuna membru tal-familja jew tad-dar (hu Mario Cachia li joqghod fl-istess post), dan ifisser li n-notifika saret kif imiss għall-finijiet tal-artikolu 187(4)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-kumpanija Plumelec hija kontumaci.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tiddikjara li n-notifika saret kif imiss għall-finijiet tal-artikolu 187(4)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Konsegwentement tiddikjara lill-kumpanija Plumelec bhala kontumaci.
Spejjez risrevati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------